TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviz Numru CCT 230/14/GB

**Astrid Cassar**

**vs**

**Dr F. Farrugia – St. Mary's Beauty Clinic**

Illum 28 ta' Jannar 2015

**It-Tribunal**

Wara li ha konjizzjoni tal-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fit-12 ta' Novembru, 2014 fejn ir-rikorrenti talbet rifuzjoni ta' sitt mija u hamsin Ewro (€650.00), rapprezentanti l-prezz li hija hallset lill-intimat ghal żewġ trattamenti, liema trattamenti ma hallew l-ebda riżultat pożittiv.

L-intimat ipprezenta risposta bil-miktub ghal din it-talba, u attenda ghas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda guramentata tar-rikorrenti, li hija l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda guramentata ta' l-intimat, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

**Ikkonsidra s-segwenti:**

**Ir-rikorrenti ssottomettiet bil-miktub illi:-**

Hija qieghda titlob li tinghata lura l-flus li hija hallset ghal trattamenti ta' 'spider veins' u 'underarm lift', li, wara hafna sessions ta' trattamenti ma hallew ebda riżultat pożittiv.

**L-intimat issottometta bil-miktub illi:-**

Ir-Rikorrenti kienet marret ghandu ghal konsultazzjoni ghal-'Liposmart upper arms', fejn hu kien informaha illi l-gilda taghha kienet 'lax' iżżejjed u li ghalhekk l-operazzjoni kien ihalli l-iktar riżultati pożittivi, li pero' ma kienitx possibbli minhabba r-risjki, stante l-eta' avvanzata tar-rikorrenti. L-intimat kien ghalhekk informaha illi bil-'Carboxytherapy' u bil-'Radiofrequency' kien ikun hemm riżultati, pero' informaha ukoll illi l-effett ma kienx ikun

bhal ma kieku hija ghamlet l-operazzjoni. Ir-rikorrenti rat riżultati tajbin waqt li kienet qed taghmel it-trattamenti, u anke qalet dan lill-intimat.

Rigwardanti l-vini, dan it-trattament m'huwiex ta' session wahda. Ir-rikorrenti kellha terga' tmur ghal sessions ohrajn, pero' qatt ma marret, u ghalhekk m'huwiex it-tort ta' l-intimat.

**It-Tribunal jinnota illi:-**

Wara li sema' l-partijiet, it-Tribunal jikkonsidra illi fix-xhieda guramentata tar-rikorrenti, hija regghat ikkonfermat il-verzjoni taghha bil-miktub, fejn żiedet tistqarr illi meta hija lmentat ma' l-intimat dwar id-dizappunt taghha mir-rizultat, huwa kien qalilha biex terga' tmur ghal 2nd treatment, pero' hija ma kienitx marret.

Ir-rikorrenti ezebiet żewġ (2) riklami, li gew immarkati bhala Dok.AC1 u Dok.AC2; flimkien ma' kopji tar-ricevuti relattivi, li gew immarkati bhala Dok.AC3.

It-Tribunal jikkonsidra wkoll illi l-intimat, fix-xhieda guramentata tieghu, rega' kkonferma l-verzjoni tieghu bil-miktub.

L-intimat ezebixxa sett ta' dokumenti, li gew immarkati bhala Dok.FF1.

It-Tribunal jinnota illi r-rikorrenti ezebiet riċevuti ammontanti ghal biss erbgha mija u erbghin Ewro (€440.00), u cioe' mitejn u ghaxar Ewro (€210.00) inqas mit-talba kif dedotta.

It-Tribunal jinnota wkoll illi l-intimat kien diga' offra trattament iehor, bi prezz redott, lir-rikorrenti, pero' hija baqghet ma aċċettatx.

**Ghal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, wara li kkonsidra dak kollu hawn fuq premess, u wara ezaminazzjoni tal-provi prodotti, jirrizulta ampjament car illi ma kien hemm l-ebda nuqqas da parti ta' l-intimat. It-Tribunal jinnota wkoll, illi, nonostante l-principju illi min jallega ghandu jipprova, ma ngabet l-ebda prova da parti tar-rikorrenti fl-ambitu ta' l-allegazzjoni taghha illi t-trattamenti ma kellhom ebda effett u ma taw ebda riżultat. Ghaldaqstant, it-Tribunal qed jichad it-talba tar-rikorrenti, fuq nuqqas ta' provi, bl-ispejjez tal-kawza kontra l-istess rikorrenti.

**Avv. Gabrielle Buttigieg**
**Arbitru**